31986L0109

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Frar 1986

li tillimita l-bejgħ taż-żerriegħa ta' ċertu speċi ta' magħlef u taż-żejt u tal-fibra għaż-żerriegħa li ġiet uffiċċjalment iċċertifikati bħala ż-"żerriegħa bażika' jew" żerriegħa ċċertifikata'

(86/109/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta'Ġunju 1966 fuq il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanta ta' magħlef [1], kif l-aħħar emendati bid-Direttiva tal-Kummisjoni 85/38/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Wara li kunsidrat id-Direttiva 69/208/KEE tal-Kunsill tat-30 ta'Ġunju 1969 fuq il-bejgħ taż-żerriegħa taż-żejt u tal-pjanti tal-fibre [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 82/859/KEE [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi d-Direttiva 66/401/KEE tippermetti l-bejgħ taż-żerriefħa bażika, taż-żerriegħa ċċertifikata u taż-żerriegħa kummerċjali ta' ċerti speċi ta' pjanti ta' magħlef;

Billi d-Direttiva 69/208/KEE tippremetti l-bejgħ taż-żerriegħa bażika, taż-żerriegħa ċċertifikata tat-tipi kollha u taż-żerriegħa kummerċjali ta' ċertu speċi taż-żejt u pjanti tal-fibre;

Billi l-Artikolu 3(3) ta' kull waħda mid-Direttivi msemmija qabel jawtorizza lill-Kummissjoi biex tipprojbixxi l-bejgħ taż-żerriegħa kemm-il darba ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċċjalment bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċċertifikata';

Billi ġie stabbilit, a bażi ta' l-informazzjoni disponibbli fil-pesent, li Stati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jipproduċu suffiċjentament żerriegħa bażika u żerriegħa ċertifikata biex jissodisfaw id-domanda tal-Komunità għaż-żerriegħa ta' xi wħud mill-ispeċi rriferruti fuq biż-żerriegħa ta' dawk il-kategoriji mill-1 ta' Lulju 1987 fil-każ ta' ċerti speċi, l-1 ta' Lulju 1989 fil-każ ta' ċerti speċi oħrajn u l-1 ta' Lulju 1991 fil-każ ta' ċerti speċi oħra;

Billi l-miżuri li hemm ipprovduti f'din id-Diretttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal Propaganti għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Forestar,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1.L-Istati Membri għandhom jaraw li mill-1 ta' Lulju 1987 ma jkunx permess li jitqiegħdu fis-suq iż-żerriegħa ta':

— Vicia faba L. (partim)
— Papaver somniferum L.
— Favetta
— Opium poppy

kemm-il darba din ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċċjalment bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata, 'l-ewwel ġenerazzjoni' jew 'żerriegħa ċertifikata', it-tieni ġenerazzjoni'.

2.L-Istati Membri għandhom jaraw li mill-1 ta' Lulju 1987 ma jkunx permess li jitqiegħdu fis-suq iż-żerriegħa ta':

— Glycine max (L.) Merr.
— Linum usitatissimum L.
— Soya bean
— Kittien

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jaraw li mill-1 ta' Lulju 1989 ma jkunx permess li jitqiegħdu fis-suq iż-żerriegħa ta':

— Agrostis canina L.
— Agrostis gigantea Roth
— Agrostis stolonifera L.
— Agrostis tenuis Sibth.
— Alopecurus pratensis
— Velvet bent
— Redtop
— Creeping bent grass
— Brown top
— Meadow Foxtail

[1] ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU L 16, tad-19.1.1985, p. 41.
[3] ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, p. 3.
[4] ĠU L 357, tat-18.12.1982, p. 31.

— Arrhenatherum elatius (L.) Beauv. ex J. et K. Presl.	— Tall oatgrass
— Phleum bertolinii DC	— Timothy
— Poa nemoralis L.	— Wood meadowgrass
— Poa palustris L.	— Swamp meadowgrass
— Poa trivilialis L.	— Rough-stalked meadowgrass
— Trisetum flavescens (L.) Beauv.	— Golden oatgrass
— Lotus corniculatus L.	— Birdsfoot trefoil
— Lupinus luteus L.	— yellow lupin
— Lupinus angustifolius L.	— Blue lupin
— Lupinus luteus L.	— Yellow lupin
— Medicago lupulina L.	— Black medick
— Trifolium hybridum L.	— Alsike clover
— Brassica juncea L. Czern. et Coss. in Czern.	— Brown mustard

kemm-il darba ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċjalment bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata'.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jaraw li mill-1 ta' Lulju 1991 ma għandux ikun permess li titqiegħed fis-suq iż-żerriegħa ta':

— Festuca ovina L.	— Sheep's fescue
— Trifolium incarnatum L.	— Crimson clover
— Trifolium resupinatum L.	— Persian clover
— Vicia sativa L.	— Common vetch
— Vicia villosa Roth.	— Hairy vetch
— Sinapis alba L.	— Ġarġir abjad

kemm-il darba ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċjalment bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata'.

L-Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ:

— mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1987 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex iħarsu l-Artikolu 1,

— mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1989 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex iħarsu l-Artikolu 2, u

— mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1991 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-diżposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex iħarsu l-Artikolu 3,

Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni fil-pront.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fis-27 ta' Frar 1986.

Għall-Kummissjoni
Frans ANDRIESSEN
Viċi-President